



Brussell, 18 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0358(NLE)
2018/0359(NLE)

5929/19
ADD 2

WTO 33
SERVICES 6
FDI 2
COASI 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra - Adozzjoni Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

**Dikjarazzjoni unilaterali mir-Renju tal-Belġju rigward id-Deċiżjoni tal-Kunsill
dwar l-iffirmar, f'isem l-UE, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra**

Il-Belġju jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra.

Il-Belġju jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għar-riforma li għaddejja tas-soluzzjoni ta' tilwim dwar investimenti. Huwa pass fid-direzzjoni tal-istabbiliment ta' qorti tal-investment multilaterali li ser issir l-istituzzjoni legali responsabbli biex issolvi konflitti bejn investituri u stati. Il-Belġju jkompli jappoġġa l-isforzi li qed tagħmel il-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

Il-Belġju jemmen li l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar il-kompatibbiltà tas-Sistema ta' Qorti tal-Investment (ICS) mat-Trattati tal-UE (Opinjoni 1/17) ikkontribwiet biex tiċċara aktar il-qafas legali li tista' tiġi stabbilita fih ICS u twitti t-triq għal aktar ħidma.

Il-Belġju jenfasizza li, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 1/17 tagħha, il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment mal-Vjetnam jafferma mill-ġdid id-dritt tal-partijiet li jirregolaw fit-territorji tagħhom biex jinkisbu l-għanijiet ta' politika leġittimi, bħall-ħarsien tas-saħħa pubblika, tas-sikurezza, tal-ambjent jew tal-morali pubblika, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali. Il-fatt biss li Parti tirregola, inkluż permezz ta' modifika tal-liġijiet tagħha, b'mod li jkollu impatt negattiv fuq investment jew jinterferixxi fl-aspettattivi ta' investitur, inkluż l-aspettattivi ta' profitti tiegħu, ma jammontax għal ksur ta' obbligu taħt il-Ftehim. Barra minn hekk, il-ġurisdizzjoni tat-tribunali maħsuba biex jiddikjaraw ksur tal-obbligi previsti fil-Ftehim ma jistgħux jiġu interpretati b'tali mod li jipprevjeni lil Parti milli tadotta u tapplika miżuri meħtieġa biex jipproteġu s-sigurtà pubblika jew il-morali pubblika jew biex iżommu l-ordni pubbliku jew iħarsu l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, soġġett biss għar-reqwizit li daww il-miżuri ma jiġux applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-Partijiet fejn jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet. Barra minn hekk, is-setgħat ta' diskrezzjoni tat-Tribunal tal-ICS u t-Tribunal tal-Appell mhumieks estiżi tant li jippermettulhom idaħħlu fid-dubju l-livell ta' protezzjoni tal-interess pubbliku determinat mill-Unjoni wara proċess demokratiku.

Il-Belġju jilqa' b'sodisfazzjon id-Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-investimenti u s-Sistema ta' Qorti tal-Investment ("ICS") fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u l-Vjetnam. Il-Belġju hu tal-fehma li din id-dikjarazzjoni hi rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment mal-Vjetnam fid-dawl tar-regoli dwar l-interpretazzjoni tat-trattati li jinsabu fl-Artikoli 31 u 32 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

Il-Belġju jinsisti fuq l-importanza tad-diskussjoni multilaterali li għaddejja dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi internazzjonali minn kumpanniji multinazzjonali, organizzata mill-grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa jibqa' promotur ta' impenn aktar qawwi Ewropew fil-proċess tan-negozjar. Jappella wkoll għal metodu ta' negozjar aktar inklużiv u konsenswali.

* * *

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-investment u s-Sistema ta' Qorti tal-Investment ("ICS") fil-qafas tal-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u l-Vjetnam

Il-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u l-Vjetnam huwa pass 'il quddiem fl-approċċ rivedut għall-politika ta' protezzjoni tal-investment u għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilita fil-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-UE u l-Kanada, flimkien mal-Istrument Interpretattiv Konġunt u d-Dikjarazzjoni nru 36 adottata meta ġie ffirmat dan il-Ftehim.

Għaldaqstant, dan il-ftehim jinkludi t-titjib kollu inkluż fis-CETA u stabbilit f'dawn l-istrumenti addizzjonali, li l-għan tagħhom, kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huwa li jiżguraw li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jkomplu jeżerċitaw id-dritt għar-regolamentazzjoni b'mod effettiv. B'mod partikolari, il-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u l-Vjetnam jinkludi l-garanziji li l-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 1/17 qieset li kienu meħtieġa biex jiġi żgurat li t-tribunali stabbiliti mill-Ftehim ma jkunux jistgħu jqajmu dubbi dwar l-għażliet li jsiru b'mod demokratiku fil-Partit, rigward, fost l-oħrajn, il-livell ta' protezzjoni tal-ordni pubblika jew tas-sikurezza pubblika, il-protezzjoni tal-morali pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin u tal-annimali, il-preservazzjoni tas-sikurezza tal-ikel, il-protezzjoni tal-pjanti u tal-ambjent, il-benessri fuq il-post tax-xogħol, is-sikurezza tal-prodotti, il-protezzjoni tal-konsumatur jew, b'mod ugwali, id-drittijiet tal-bniedem.¹

¹ Opinjoni 1/17 tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 2019, il-paragrafi 147 sa 161.

Jinkludi wkoll, bħas-CETA, is-Sistema ta' Qorti tal-Investment u jipprevedi t-tranżizzjoni lejn Qorti Multilaterali tal-Investment. Huwa jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw it-trasparenza sħiħa tal-proċedimenti (inklużi sottomissjonijiet u seduti ta' smigħ) u li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jagħmlu sottomissjonijiet lit-tribunal (amicus curiae).

Huwa jirrappreżenta, bħas-CETA u l-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u Singapore, stadju importanti fit-trasformazzjoni tal-politika ta' investment internazzjonali, permezz tas-sostituzzjoni tat-Trattati Bilaterali fuq l-Investment tal-Istati Membri bl-approċċ rivedut tal-UE u l-prospett tal-istabbiliment ta' Qorti Multilaterali tal-Investment.

Il-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u l-Vjetnam, bħas-CETA u l-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u Singapore, huwa mibni fuq il-valuri ewlenin tal-UE u jinkorporahom. L-IPA jafferma mill-ġdid l-impenji fil-Karta tan-NU u fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jafferma mill-ġdid ukoll l-impenji għal żvilupp sostenibbli u t-trasparenza, kif miftiehna mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Vjetnam. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-ambjent multilaterali u l-ftehimiet u l-istandards tax-xogħol fil-politiki u l-liġijiet domestiċi. L-IPA jipprovdi protezzjoni biss għal investimenti li jsiru f'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika, inkluż l-obbligi relatati mal-protezzjoni tal-ambjent u tax-xogħol, kif ukoll mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

L-IPA jafferma mill-ġdid ukoll l-impenji li jippromwovu mgħiba responsabbli fin-negozju permezz ta' strumenti bħal-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (linji Gwida tal-OECD MNE), il-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti u d-Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-ILO. Dawn l-impenji huma akkumpanjati b'inizjattivi konkreti tal-UE fuq il-post, bħall-proġett dwar Ktajjen ta' Provvista Responsabbli fl-Asja, inizjattiva konġunta UE-ILO-OECD li l-oġettiv ewleni tagħha huwa li ttejjeb ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol u l-istandards ambjentali minn negozji bi ktajjen ta' provvista fl-Asja, filwaqt li tallinja l-prattiki tagħhom mal-istandards internazzjonali. Il-proġett jinvolve sitt pajjiżi Asjatiċi, inkluż il-Vjetnam.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota d-diskussjonijiet dwar l-imġiba responsabbli fin-negozji u l-obbligi tal-investituri li jseħħu f'fora internazzjonali differenti, inkluż in-Nazzjonijiet Uniti u l-OECD. L-Unjoni Ewropea ħadet rwol ewlieni biex tiżgura mġiba responsabbli fin-negozji u rispettlejn id-drittijiet tal-bniedem fuq livell internazzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi rwol ewlieni għall-Unjoni Ewropea, filwaqt li teżamina l-modi ta' reazzjoni u l-possibiltajiet kif tinfluwenza d-diskussjonijiet li għaddejjin.
